



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13724/20

COTRA 22
CFSP/PESC 1093
COPS 451

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 13634 2020	
Suġġett:	Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti – Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Diċembru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza strateġika tas-šhubija tal-Unjoni Ewropea mal-Istati Uniti tal-Amerka bħala r-relazzjoni l-aktar importanti u l-eqreb fid-dinja, li għandha l-għeruq tagħha f'valuri kondiviżi u interessi komuni, rabtiet kulturali u storiċi, kif ukoll ir-realtà ġeopolitika. Šhubija transatlantika b'saħħitha hija vitali biex tiżgura u tikkontribwixxi għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità komuni tagħna. Aħna nemmnu wkoll li r-relazzjonijiet transatlantiċi huma s-sisien tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, li jsaħħu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, il-libertà, il-prosperità, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-multilateraliżmu, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, mhux biss għal dawk li jgħixu fuq xtutna iżda wkoll għall-bqija tad-dinja.
2. Il-Kunsill jemmen fi šhubija strateġika fit-tul b'saħħitha ta' benefiċċju reċiproku mal-Istati Uniti, f'ordni multilaterali msaħħaħ, li ser tippromwovi viżjoni kondiviża tad-dinja u li tista' tikseb riżultati tanġibbli. Aġenda transatlantika mġedda hija meħtieġa biex jinstabu tweġibiet konġunti għall-isfidi globali, sabiex jiġu salvagwardjati s-saħħa u l-benesseri tal-poplu tagħna u tal-pjaneta tagħna, biex tiġi protetta d-demokrazija u biex din tagħti riżultati liċ-ċittadini tagħna. Billi ssegwi l-azzjoni strateġika tagħha u żżid il-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod awtonomu, Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha ser tikkontribwixxi b'mod attiv għat-tiŝiħ tas-šhubija transatlantika u l-kapaċità tagħha li tagħti riżultati.

3. Minħabba l-effetti devastanti tal-COVID-19, hemm hteġa saħansitra aktar urġenti li l-pandemija tiġi miġġielda flimkien, li tiġi implimentata bis-sħiħ l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, li jiġi żgurat irkupru ekonomiku ekoloġiku u li jiġihaffu l-enerġija ekoloġika u t-tranżizzjonijiet diġitali kif ukoll li jissaħħu l-valuri kondiviżi tagħna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-President elett Biden li l-Istati Uniti jergġu jingħaqdu mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill jinsab lest li jinvolvi ruħu fi djalogu transatlantiku dwar il-klima fit-tnejn għall-COP26, li jibni fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, u li jimplimenta b'mod konġunt miżuri konkreti għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-kisba tan-newtralità klimatika. Sabiex tingħata spinta lill-irkupru ekonomiku, għandna naħdmu flimkien biex napprofondixxu r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħna, inkluż is-saldu tad-differenzi kummerċjali. L-UE u l-Istati Uniti għandhom jimmiraw li jiksibu użu aktar effettiv u kkoordinat ta' miżuri restrittivi, kif ukoll li jindirizzaw il-kwistjoni ta' miżuri b'effett extraterritorjali.
4. Wasal iż-żmien li nwettqu l-appoġġ tagħna għall-multilateraliżmu, inkluż permezz ta' riformi tant meħtieġa f'organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod li jippreserva l-prinċipji fundamentali - minquxa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti - u d-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Amministrazzjoni li jmiss għal diplomazija multilaterali u alleanzi internazzjonali. L-Unjoni Ewropea tistenna b'interess li taħdem mill-qrib mal-Istati Uniti biex issaħħaħ il-kapaċità tan-Nazzjonijiet Uniti li jindirizzaw l-isfidi globali. Wasal iż-żmien li jiġġeddu l-isforzi konġunti bejn l-UE u l-Istati Uniti mmirati lejn it-tisħiħ kif ukoll ir-riforma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u li naħdmu flimkien biex tissaħħaħ l-arkitettura globali tan-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi. Jeħtieġ li naħdmu flimkien biex nippreservaw il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt kif approvat mir-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, pilastru ewlieni tal-arkitettura globali tan-nonproliferazzjoni, u biex inkomplu nibnu fuq il-kisbiet tiegħu u nindirizzaw l-isfidi futuri. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jsaħħaħ il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali u li jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

5. Il-Kunsill ifakkar li s-soċjetajiet demokratiċi u l-ekonomiji tas-suq tas-sħab transatlantiċi jiffaċċjaw theddid u sfidi komuni ppreżentati mill-assertività internazzjonali dejjem tikber ta' diversi atturi. Flimkien mal-Istati Uniti, jeħtieġ li nsaħħu r-reżiljenza strateġika tagħna, is-sigurtà tal-enerġija, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu inkluż id-diżinformazzjoni, ir-reżistenza għall-koerċizzjoni ekonomika u l-attakki fuq l-infrastruttura kritika, inżidu l-isforzi tagħna biex niġġieldu l-prattiki kummerċjali inġusti u niżguraw li nżommu l-vantaġġ teknoloġiku tagħna. Kull fejn ikun possibbli l-kooperazzjoni tagħna għandha titwessa' biex tinkludi demokraziji li jaħsbuha l-istess madwar id-dinja. L-UE tinsab lesta li tkompli taħdem mal-Istati Uniti fl-oqsma kollha, kemm fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE, fil-Balkani tal-Punent, fil-Lvant tal-Mediterran, fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika, fl-Amerka Latina u fil-Karibew, jew fl-Indo-Paċifiku. It-tisħiħ tal-aġenda komuni tagħna dwar il-konnettività sostenibbli ser ikun ugwalment essenżjali.
6. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti jenħtieġ li jissoktaw b'kooperazzjoni u djalogu mill-qrib fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża u jkomplu jsaħħu l-isforzi komuni tagħhom, inkluż permezz ta' sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO msaħħa, li ssaħħa b'mod reċiproku u ta' benefiċċju foqasma ta' interess komuni fil-qafas tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti ta' Varsavja tal-2016 u ta' Brussell tal-2018. Dan ser jippermettilna nindirizzaw b'mod effettiv diversi theddidiet u sfidi tradizzjonali u emerġenti. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2020, l-inizjattivi ta' sigurtà u difiża tal-UE ser isaħħu l-kontribut Ewropew għas-sigurtà transatlantika. Dan ser jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu.

7. Fl-aħħar mill-aħħar u l-aktar importanti, nemmnu li s-sħubija tagħna għandha għeruq profondi fir-relazzjonijiet bejn il-popli. Il-promozzjoni ta' konnessjonijiet b'saħħithom bejn il-popli jista' jkollha rwol fundamentali fit-trawwim ta' relazzjoni pożittiva u dejjem eqreb bejn l-UE u l-Istati Uniti. Investiment kontinwu f'kuntatti interpersonali, permezz ta' kooperazzjoni fix-xjenza, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, l-Internet u s-soċjetà tal-informazzjoni, in-negozju u l-kultura ser ikun essenzjali biex nibnu fuq is-sħubija tagħna. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li jiġu avvanzati r-rabtiet bejn iż-żgħażaġħ tagħna u l-mexxejja futuri biex jiġi promoss fehim reċiproku għall-benefiċċju tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, u l-valuri u l-prinċipji li nikkondividu. Sabiex iċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw bla xkiel mill-kuntatti bejn il-persuni, il-kisba ta' reċiproċità sħiħa tal-viża mal-Istati Uniti għall-Istati Membri kollha tagħha tibqa' prijorità għall-Unjoni Ewropea.
8. Il-Kunsill jissottolinja l-interess tiegħu li jinvolvi ruħu fi djalogu politiku regolari, komprensiv u strateġiku mal-Istati Uniti, inkluż fl-ogħla livell, sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-sħubija transatlantika. Filwaqt li japprezza l-passat u fl-istess ħin iħaddan il-futur, il-Kunsill jinsab lest li jiddiskuti d-direzzjoni strateġika tal-politiki kollha ta' interess komuni u jistenna b'interess li jespandi l-kooperazzjoni mal-Istati Uniti.
-